# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI NRU 2921

**Kaz Nru 4086/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Atso Traychevski (KI 0266509A)**

**vs**

**Tal-Maghtab Construction Co. Ltd (C – 11845).**

**(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM., IPD(UK).**

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Atson Traychevski, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fl'4 ta' Awwissu, 2022.**

**Matul is-smigh tal-kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avukat Helen Caruana u ghas-Socjeta' ntimata deher is-Sur Raymond Sciberras li gie assistit mill-Avv. Albert Zerafa.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li kien impjegat fuq bazi full-time bhala Construction Worker mas-socjeta ntimata fuq bazi ta' kuntratt indefenit b'sehh mill-14 ta' Gunju, 2021.**

**Huwa jghid ukoll, li kienet is-socjeta ntimata li tterminat l-impjieg tieghu wara li kien spicca mix-shift u meta kien niezel mill-vann li kien misjuq mill-imghallem tieghu s-Sur Raymond Sciberras qallhu biex ma jirrapurtax aktar ghax-xoghol u dan minghajr ma gie moghti l-ebda spjegazzjoni u raguni valida.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li ma setghax jifhem kif l-imghallem kien qallu biex ma jirritornax ghax-xoghol meta s-socjeta ntimata kienet qed timpjega haddiema ohra bhala Construction Workers u li dawn kienu ta' Nazzjonalita Albaniza li lanqas kellhom il-permess tax-xoghol.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li xi jiem wara huwa mar l-ufficini tas-socjeta ntimata flimkien ma habib tieghu li jitkellem ahjar bl'ingliz u dan ghamlu biex jistaqsi lis-Sur Raymond Sciberras jekk kienx fhemu sew u jekk kien l-kaz x'kienet ir-raguni li gie mkecci mix-xoghol.**

**Huwa jghid ukoll, li r-risposta li gie moghti mis-Sur Raymond Sciberras kienet li gie mkecci mix-xoghol ghax hu kien il-boss u setgha jiehu dawn id-decizjonijiet.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll li kif tindika t-Termination of Employment Form, is-socjeta ntimata bghatet notifika tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu lil Jobsplus fit-13 ta' Gunju, 2022 fejn indikat bhala data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu b'effett retroattiv mill-11 ta' Marzu, 2022 u r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg giet moghtija bhala rizenja meta fil-fatt kienet is-socjeta ntimata li tterminat l-impjieg tieghu.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li huwa qatt ma bghat jew iffirma xi ittra ta' rizenja u l-kaz tieghu qed jigi nvestigat minn National Employment Agency.**

**Huwa jghid ukoll, li evidentament u kif ghad irid jigi ppruvat quddiem dan l-Onorabbli Tribunal din kienet fil-verita terminazzjoni a bazi ta' redundancy.**

**Huwa jkompli jghid li jinsab infurmat, wara li gie terminat l-impjieg tieghu s-socjeta ntimata mpjegat haddiema ohra fil-grad li kellu hu u dan bi ksur tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta dwar meta l-impjieg jigi terminat a bazi ta' redundancy.**

**Ir-rikorrenti jghalaq l-istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jitlob lil-Onorabbli Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara u jiddeciedi li l-impjieg tieghu gie terminat b'mod ingust u mhux skond il-ligi u ghaldaqstant qed jitlob li jigi moghti kumpens xieraq.**

**Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li fl'ewwel lok l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termina tal-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligjiet ta' Malta ghar-raguni li kienu ghaddew aktar minn erba xhur meta r-rikorrenti pprezenta r-rikors tieghu ghal allegat ta' tkeccija ngusta.**

**Hija tghid ukoll, li r-rikorrenti kien gie mpjegat mas-socjeta ntimata fuq bazi ta' kuntratt indefenit b'sehh mill-14 ta' Gunju, 2021 fil-grad ta' Construction Worker.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti kien wasal fi stat li ma jaghmel assolutament xejn produttiv fl'impieg tieghu u kien gie moghti diversi twissijiet u ghalhekk ma kelliex alternattiva ohra ghajr li tittermina l-impjieg tieghu u gie mhallas gimgha paga ghan-notice period u tal-granet tal-leave li ma kienx utilizza.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li t-tkeccija tar-rikorrenti kienet gusta minhabba l-agir tieghu u tghamel riferenza ghar-raba (4) artikolu tat-Termination of Employment Convention tal-International Labour Organisation li jghid "The employment of a worker shall**

**not be terminated unless there is a valid reason for such termination connected with the capacity or conduct of the worker or based on the operational requirements of the undertaking, establishment or service".**

**Is-socjeta tkompli tghid, li t-tkeccija ghar-raguni ta' nuqqas ta' hila u servizz ma taqa taht l-ebda mir-ragunijiet ta' kawzi mhux gusti u sufficjenti taht l-artikolu 36 (14) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandu inversament jirrizulta li t-tkeccija in mertu kienet wahda gusta in linea mal-provvediment tal-artikolu (2) tat-tifsira ta' "tkeccija ingusta".**

**Is-Socjeta tghalaq l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li t-tkeccija mill-impjieg tar-rikorrenti saret ghal raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.**

**Fis-seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Ottubru, 2022 gie deciz mit-Tribunal Industrijali li jibda biex jittratta l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.**

**Mill-provi jirrizulta, li s-socjeta ntimata bghatet il-formola tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti lil Jobsplus fit-13 ta' Gunju, 2022 u f'din il-formola hemm indikat li t-terminazzjoni ta' l-**

**impjieg tar-rikorrenti saret b'sehh mill-11 ta' Marzu, 2022 ghar-raguni li hu kien irrezenja mill-impjieg.**

**Matul il-provi quddiem it-Tribunal Industrijali, xehed Dennis Baldacchino Direttur tas-socjeta ntimata fejn spjega li r-rikorrenti ma kienx irrezenja mill-impjieg imma kien gie mkecci mill-impjieg fil-11 ta' Marzu, 2022.**

**Fix-xhieda tieghu jghid wkoll, li s-socjeta ntimata kienet thaddem mal-180 impjegat u d-dokumenti kienu jsiru minn impjegata li m'ghadix maghhom u ghaldaqstant ma jafx ghal-liema raguni r-rikorrenti gie ddikjarat li rrezenja mill-impjieg u mhux li tkecca mill-impjieg kif ukoll, ma setghax jispjega ghal liema raguni l-formola tal-Jobsplus giet mibghuta tard.**

**Matul il-provi l-assistenza legali tar-rikorrenti tghid, li r-rikorrenti ma kienx irrezenja mill-impjieg kif iddikjart is-socjeta ntimata fil-formola tal-Jobs Plus izda huwa kien gie mkecci mill-impjieg.**

**L-assistenza legali tar-rikorrenti tghid ukoll, li r-rikorrenti qabel it-13 ta' Gunju, 2022 kien iccekkja mal-Jobsplus u gie nfurmat li hu kien ghadu fuq il-kotba tas-socjeta ntimata.**

**l-assistenza Legali tar-rikorrenti sostniet, li r-rikorrenti ghandu jitqies li kien ghadu fl'impjieg mas-socjeta ntimata sad-data tad-9**

**ta' Gunju, 2022 u għaldaqstant meta pprezenta r-rikors tiegħu fir-registru tal-Qorti fl'4 ta' Awwissu, 2022 ma kienux għaddew erba xhur u għalhekk kien konformi mal-Liġi u l-każ tiegħu ma m'għandux jitqies bħala preskritt.**

**Matul il-provi t-Tribunal Industrijali apparti l-formola tat-terminazzjoni ta' l-impjieg li s-socjeta ntimata bgħatet lil Jobplus ezamina wkoll diversi dokumenti oħra li huma:-**

a) **l-Employment history tar-rikorrenti li hu dokument tal-Jobsplus fejn hemm indikat li r-rikorrenti beda l-impieg mas-socjeta ntimata fl'14 ta' Gunju, 2021 u spicca mill-impjieg fil-11 ta' Marzu, 2022;**

b) **l-aħħar payslip li r-rikorrenti rcieva mingħand is-socjeta ntimata datata 25 ta' Marzu, 2022 fejn hemm indikat li hu tħallas sal-11 ta' Marzu, 2022;**

c) **l-FS 3 tar-rikorrenti għas-sena 2022 fejn hemm indikat li r-rikorrenti tħallas sal-11 ta' Marzu, 2022.**

**Rigward dan l-aspett l-assistenza legali tar-rikorrenti tgħid, li għalkemm dawn id-dokumenti jindikaw li t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret fil-11 ta' Marzu, 2022 pero m'hemmx indikat meta ir-rikorrenti ircieva dawn id-dokumenti.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-Kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa l-Artikolu 75 (3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid " Kull referta maghmula skont is-subartikolu  ta' qabel dan, ghandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza, ipprezentata fir-registru tat-Tribunal u ghandha, fil-kazijiet kollha hekk tigi pprezentata mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat".**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dan l-artikolu tal-Ligi jindika car li fil-kazijiet kollha ghanda tigi pprezentata id-dikjarazzjoni tal-kawza mhux iktar tard minn erba xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina id-dokument li bghatet is-socjeta ntimata lill Jobsplus jirrizulta, li dan id-dokument intbghat tard pero fuq id-dokument jidher li d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kienet 11 ta' Marzu, 2022.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li ghalkemm il-Jobsplus irceviet il-formola tat-terminazzjoni ta' l-impjieg minghand s-socjeta ntimata wara t-13 ta' Gunju, 2022 pero minkejja dan il-Jobsplus iddikjarat fid-dokument ufficcjali taghha li jirrigwardja l-Employment History**

**tar-rikorrenti li d-data effettiva tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kienet il-11 ta' Marzu, 2022.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li r-rikorrenti kien jaf li huwa gie mkecci mill-impjieg fil-11 ta' Marzu, 2022 u mill-ghada huwa ma irrapurtax aktar ghax-xoghol ghax kien jaf li gie mkecci.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li Satatements of Case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati jikkonkludi u jiddeciedi li d-data effettiva tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret b'sehh mill-11 ta' Marzu, 2022.**

**It-Tribunal Industrijali mill-provi jirrizultalu wkoll, li d-dikjarazzjoni tal-Kaz tar-rikorrenti gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fl'4 ta' Awwissu, 2022.**

**Invista ta' dawn il-provi t-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li skond l-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kaz inkwestjoni hu preskritt ghar-raguni li kienu ghaddew aktar minn erba xhur minn meta r-rikorrenti pprezenta r-rikors tieghu ghal allegat ta' tkeccija ngusta u ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali hu prekluz milli jkompli jiehu konjizzjoni tal-kaz.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet, ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffirmat)**

**Harold Walls**

**Chairman**

**Data : 13.06.2023**